


[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Kwistjonijiet Tal-familja U Wirt](#) > [Wirt](#) > [Restrizzjonijiet Fuq Is-suċċessjonijiet – Regoli Speċjali](#) > [Croatia](#)

## Restrizzjonijiet fuq is-suċċessjonijiet – regoli speċjali

 Il-Kroazja

Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network  
(in civil and commercial matters)

**1 Skont il-liġi ta' dan l-Istat Membru, ir-regoli speċjali jimponu, għal raġunijiet ekonomiċi, familjari jew soċjali, restrizzjonijiet li jikkonċernaw jew jaffettwaw is-suċċessjoni fir-rigward ta' propjetà immobbli, ċerti intrapriżi jew kategoriji speċjali oħra li jinsabu f'dan l-Istat Membru?**

Hemm restrizzjoni speċifika fl-għamla ta' intitolament għas-sehem riżervat tal-patrimonju, li ma tikkonċernax il-wirt innfsu, iżda minflok tirrigwarda l-protezzjoni tal-werrieta leġittimi. L-intitolament għas-sehem riżervat tal-patrimonju japplika meta t-testatur ikun ħalla l-patrimonju kollu tiegħu permezz ta' testment lil persuna li ma tkunx il-werrieta leġittima. Fil-każ ta' hawn fuq, għal raġunijiet soċjoekonomiċi (l-esklużjoni ta' dawk li jmisshom is-sehem riżervat u ċ-ċaħda għas-sehem riżervat), dik il-persuna tiflew id-dritt tagħha għas-sehem riżervat.

Madankollu, japplikaw restrizzjonijiet meta jintirtu assi li jikkostitwixxu riżorsi strateġiċi tar-Repubblika tal-Kroazja (pereż. raba', foresti u msaġar).

L-individwi kollha li jakkwiżixxu sjieda permezz ta' wirt jitqiesu bħala werrieta indaq taħt l-istess kundizzjonijiet. Bis-suppożizzjoni tar-riċiproċità, il-barranin igawdu mill-istess drittijiet ta' wirt bħaċ-ċittadini Kroati. Ir-riċiproċità tiġi preżunta sakemm ma jiġix stabbilit mod ieħor wara li ssir talba minn parti li jkollha interess legali f'konformità mal-Artikolu 2(2) tal-Att dwar il-Wirt (*Zakon o nasljeđivanju; Narodne Novine* (NN; Il-Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika tal-Kroazja) Nri 48/03, 163/03, 35/05, 127/13, 33/15 u 14/19).

**2 Skont il-liġi ta' dan l-Istat Membru, dawn ir-regoli speċjali japplikaw għas-suċċessjoni fir-rigward tal-assi msemmija hawn fuq irrispettivament mil-liġi applikabbli għas-suċċessjoni?**

Ir-regoli jiġu applikati fil-proċedimenti kollha tas-suċċessjoni.

**3 Skont il-liġi ta' dan l-Istat Membru, jeżistu regoli speċjali biex jiżguraw konformità mar-regoli speċjali msemmija hawn fuq?**

Ma hemm l-ebda proċedura speċjali fis-seħħ, iżda dawn ir-regoli speċifiċi kollha huma kkunsidrati fi proċedimenti ta' suċċessjoni unika.

L-aħħar aġġornament: 26/11/2025

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-

servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.